# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 16 TA' FRAR 2001**

**Avviz Nru 1570/97DM**

**Joseph Mamo**

**vs**

**Spiridione sive Spiru Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' erba' mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm449.35c0) rapprezentanti somma dovuta mill-konvenut fuq bejgh u konsenja tal-vettura Isuzu Van numru ta' registrazzjoni J-1142.

Bl-ispejjez inkluzi dak tal-Mandat ta' Qbid numru 753/97 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata tal-Avviz sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontendenti jaqblu li l-kwistjoni odjerna tirrigwarda l-ahhar kambjala relattiva ghall-hlas ghas-saldu tal-prezz ta vettura li l-attur kien biegh lill-konvenut.

Ghalkemm il-konvenut jammetti li l-kambjala in kwistjoni li mmaturat fit-30 ta Gunju 1997 ghas-somma ta LM449.35 (Dok JM1 a fol. 12) giet iffirmata minnhu, huwa jinsisti li din ghandha titqies li m'ghandiex forza u effetti legali billi l-frima tieghu giet sottratta b'qerq.

Infatti jallega li ma kienx dovut imghax fuq il-bilanc li kellhu jhallas lill-attur nonostante l-beneficcju tat-terminu u jinsisti li ffirma il-kambjala in bjank u minflok giet mahruga ghall LM75, l-attur zied l-ammont ghas-somma llum indikat minghajr l-adezjoni tal-istess konvenut.

Evidentement, meta l-provi tal-attur huma kompleti, bil-kambjala originali ghadha fil-pussess tieghu u esibita minnhu f'dawn il-proceduri, jispetta lill-konvenut li jipprova l-kontestazzjoni tieghu.

Minn-naha tal-konvenut, mhux biss jirrizulta li dan ma ppromuova ebda azzjoni separata biex jikkontesta l-validita' tal-kambjala, izda l-allegazzjonijiet tieghu ma jirrizultawx li huma verosimili u fi kwalunkwe kaz mhux sufficjenti biex iwaqqu il-provi attrici.

Infatti mhux verosimili li koncessjoni ta beneficcju ta terminu ghal hlas ma tkunx tinvolvi hlas ta imghax, mhux verosimili li persuna ta intelligenza medja tidhol ghal firma ta numru ta kambjali in bjank u mhux

verosimili li jghamel pagament akkont ta kambjala li llum iqis li hija invalida.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tikkundanna lil-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' erba' mija u disgha u  erbghin lira Maltin  u hamsa u tletin centezmu  (Lm449.35c0) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mit-30 ta Lulju 1997

Bl-ispejjez kontra il-konvenut.

Magt Dr D Montebello B.A. LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 19